## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 87/2016

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Charles Spiteri**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2019

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-appellant Charles Spiteri introdott fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Frar, 2016 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu kkundanatu ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet u ghall-adebitu tar-recidiva piena karcerarja ghal zmien tmienja u ghoxrin (28) xahar u in kwantu ghat-tielet imputazzjoni kkundannatu ghall-piena karcerarja ta' tnax-il (12) xahar prigunerija billi tissostitwixxi u tipprovdi ghall-istess piena, piena anqas, u li tkun aktar addattata ghac-cirkostanza tal-kaz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Frar, 2016, (dik li minnha interpona appell l-appellant), prolatata wara denunzja tal-Ufficcjal tal-Probation fil-konfront tal-istess appellant stante li ma kienx qed izomm mal-

ordnijiet tal-istess Ufficcjal. Permezz ta' dik is-sentenza l-Qorti trattat mal-imputat ghar-reati li taghhom kien instab hati b' sentenza ukoll tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Dicembru 2014 daqs li kieku kien ghadu kemm kien dikjarat hati u kkundannatu in kwantu ghall-ewwel zewgt imputazzjonijiet u ghall-addebitu tar-recidiva ghal "tmienja u xahar (28) prigunerija" [sic]. Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni ossia ghall-ksur tal-ordni ta' probation moghti permezz tas-sentenza tas-27 ta' Frar 2013 trattat mieghu daqs li kieku kien ghadu kemm kien dikjarat hati u kkundannatu ghal tnax-il (12) xahar prigunerija u ghalhekk komplessivament ghal 40 xahar prigunerija;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat il-fedina penali tal-appellant esebita fuq ordni ta' din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. L-appellant jillanja s-sentenza appellata b'zewg gravami strettament konnessi ma' xulxin. Fl-ewwel lok hemm il-gravam li l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva tenut li hu kien irregistra ammissjoni ghar-reati dedotti kontra tieghu inkluz l-addebitu tar-recidiva mertu ta' zewg sentenzi, wahda tal-4 ta' Dicembru 2014 u l-ohra tas-27 ta' Frar 2013 u li konsegwentement kien tqieghed taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tlett snin. Fit-tieni lok, l-appellant iressaq l-argument illi kien hemm ragunijiet ghaliex ma segwiex l-ordnijiet tal-Ufficcjal tal-Probation u li dawn certament ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni;

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, jokkorri li jkun precizat ir-retroxena tal-kundanna tal-imputat ossia dak li ta' lok ghal-kundanna

mertu ta' dan l-appell. dBrevement deskritti, l-ewwel imputazzjoni kienet ta' serqa bl-aggravji tal-mezz, bil-valur u bil-lok mir-Rabat Malta fl-1 ta' Settembur, 2014. It-tieni imputazzjoni kienet tirrigwarda serqa ohra ukoll mir-Rabat, Malta bl-istess aggravji kommessa fl-1 ta' Ottubru, 2014. Fit-tielet imputazzjoni kien mixli li kiser il-provvediment tal-artikolu 7 tal-Kap 446 maghmul b'sentenza tas-27 ta' Frar 2013. B'mod alternattiv, l-imputat kien mixli ukoll bir-reat ta' ricettazzjoni u inghata l-addebitu tar-recidiva fit-termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kaptiolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Fl-udjenza tas-16 t'Ottubru, 2014, l-imputat kien irregistra ammissjoni u wara li inghata zmien iressaq bhala xhud Ufficcjal tal-Probation, l-Qorti ghaddiet biex tipprolata s-sentenza taghha;

3. Illi fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Magistrati, wara li sabet htija fl-imputat, ossia fiz-zewg imputati ghall-ahjar intendiment, ikkonkludiet illi wara li semghet lill-Ufficcjal tal-Probation, wara li hadet in konsiderazzjoni li rritorna parti mir-refurtiva, l-fatt li hu mahkum mill-vizzju tad-droga u li qed jaghmel hiltu biex jehles minn dan il-vizzju, piena karcerarja ma kienitx wahda idonea u ghalhekk qieghdet lill-imputat taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tlett snin fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446. Dan izda, kwantu l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u l-addebitu tar-recidiva ghaliex il-Qorti gustament astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-hames imputazzjoni dik ta' ricettazzjoni stante li hija wahda alternattiva ghal dak li dwarhom instabet htija jigifieri ghar-reati ta' serq. Kwantu it-tielet imputazzjoni, ghazlet li ma titrattax mieghu ghar-reati li taghhom instab hati fis-27 ta' Frar, 2013;

4. Meta imbaghad l-imputat kien denunzjat mill-Ufficcjal tal-Probation li naqas milli jzomm mal-ordnijiet lilu moghtija, il-Qorti ddisponiet mill-kaz bis-sentenza mertu ta' dan l-appell billi kkundannat lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ta' 28 xahar kwantu l-ewwel u t-tieni imputazzjoni flimkien mal-addebitu tar-recidiva wara ammissjoni kif fuq spjegat. Fl-istess sentenza, izda, l-Qorti kkundannat lill-imputat ghal-12-il xahar prigunerija kwantu it-

tielet imputazzjoni, igifieri ghal-ksur tal-ordni ta' probation maghmula permezz ta' sentenza tas-27 ta' Frar, 2013;

5. Din il-kundanna ta' 12-il xahar, izda, ma setghetx issir u din il-kwistjoni qed tkun sollevata *ex officio* ghaliex hija kwistjoni ta' ordni pubbliku. L-ewwel Qorti gia kienet zbaljata meta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru, 2014 ghazlet li ma titrattax mal-hati ghall-ksur ta' ordni ta' probation. Din ma kienitx haga fakoltattiva u kif inhu akkolt mill-gurisprudenza in rigward, il-Qorti kellha titratta mal-hati ghal dak il-ksur. Dwar dan hemm skorta ta' sentenzi li jtennu li fl-artikolu 21 tal-Kap 446 meta persuna titressaq biex twiegeb ghal-ksur ta' ordni ta' probation, l-Qorti ghandha titratta maghha ghall-ksur ta' dik l-ordni ghaliex il-kelma "tista" fit-test tal-artikolu 21 mhix wahda fakoltattiva izda hija tassattiva u tfisser biss li hekk ghandha taghmel. Ara per ezemplari is-sentenzi: Il-Pulizija vs Duranovic Coreschi App Krim 549/2010 – 14.9.2011; Il-Pulizija vs John Borg App Krim 427/2014 – 15.12.2016; Il-Pulizija vs Andrew Buhagiar App Krim 16.6.1999; Il-Pulizija vs Raymond Callus App Krim 10.12.2001;

6. Issa, minkejja li meta l-Qorti kienet ghazlet li ma titrattax mal-hati ghall-ksur tal-probation, ghazlet li titratta mieghu ghall-ksur ta' dik l-ordni ta' probation wara li saret id-denunzja. Dan ukoll ma kienx korrett ghaliex ghalkemm kif fuq spjegat, il-Qorti ma setghetx tghazel li ma titrattax mieghu fl-ewwel okkazzjoni, dik il-parti tas-sentenza ghaddiet in gudikat bin-nuqqas ta' appell sia tal-imputat kif ukoll tal-Avukat Generali. Ghalhekk ma setghetx imbaghad l-istess Qorti tghazel li titratta mieghu ghal dak il-ksur partikolari wara li dahlet id-denunzja;

7. Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata li biha l-ewwel Qorti kkundannat lill-imputat ghal-12 il-xahar prigunerija ghall-ksur ta' ordni ta' probation moghti permezz tas-sentenza tas-27 ta' Frar, 2013;

8. Jibqa' ghalhekk li tkun konsiderata l-piena ta' 28 xahar prigunerija li skond l-appellant kienet wahda esagerata u li kien hemm raguni ghaliex ma kienx ottempera ruhu mal-ordni tal-ufficcjal

tal-probation. It-tieni gravam, izda, ma jistghax ikun konsiderat mill-ottika ghat-thassir tas-sentenza appellata ghaliex l-appellant qed jitlob biss ir-riforma tas-sentenza kwantu l-piena erogata. Dwar il-quantum tal-piena, opportunament ikun ribadit dak wisq drabi ritenut mill-Qrati taghna li *qua* Qorti ta' appell ma tiddistubax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti sakemm il-piena kominata tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li l-piena kellha tkun anqas jew aktar minn dik fil-fatt erogata;

9. Bhal punt ta' tluq ghalhekk, jokkorri qabel xejn li jkun accertat li l-piena hija wahda skond il-ligi. Ezaminati l-provvediment rilevant tal-ligi ma hemm l-ebda dubju lilli meta l-ewwel Qorti trattat mal-imputat ghar-reati li taghhom instab hati daqs li kieku kienu ghadu kemm instab hati dakinhar stess hi fil-konfini ta' dak li jipprovdu d-disposizzjonijijet dwar is-serq bl-aggravji indikati anke minghajr iz-zieda prospettiva bl-addebitu tar-recidiva. In oltre ma hemm xejn sproporzjonat fil-piena u l-imputat ma ghandux jistenna xi tnaqqis b'mod awtomatiku ghaliex ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

10. Din il-Qorti ezaminat ukoll bir-reqqa id-deposizzjoni tal-Ufficcjal tal-Probation quddiemha stess kif ukoll dik tal-Ufficcjal tal-Probation moghtija quddiem l-ewwel Qorti u r-rapporti taghhom. Minn hawn jidher li qed xi ftit ta' progress anke jekk f'doza minima da parti tal-imputat. Ir-realta', izda hi li l-imputat ghadu sal-lum, almenu f'din il-kawza, fi stat ta' incertezza dwar reati li kkometta lura fis-sena 2014 li wara li inghata l-opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu ghadu anke permezz ta' din il-procedura jitlob klemenza fil-forma ta' probation order iehor bil-possibbilta li jibqa' hekk incert ghal-massimu ta' tlett snin ohra. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-imputat jehtieg li issa jiftah ghajnejh ghar-realta' tal-hajja u jaghmel il-kontijiet mal-passat tieghu u jirrealizza li ma jistghax jibqa' sejjer f'dan ic-ciklu, igifieri, jammetti ghall-reati, jibda' programm u jieqaf hesrem u jerga jibda appena joqorbu s-sentenzi. L-imputat jehtieg li jiddeciedi darba ghall-dejjem li iwaqqaf dak li qed jigri warajh minhabba l-passat refrettarju tieghu,

jiskonta dak li ghandu jiskonta u jibda l-hajja tieghu minn hemm 'l quddiem bl-ghajnuna kollha li qieghed jinghata mill-agenziji fi hdan il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin;

11. Il-Qorti hija disposta li tghin f'dan il-process billi tittempra l-piena erogata anke jekk b'mod nominali sabiex jifhem li ghad hemm tama u hemm min irid jghinu jekk verament irid li jirriforma ruhu;

12. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' t-talba limitatatment kwantu il-kundanna ta' tnax-il xahar prigunerija anke jekk ghal-ragunijiet differenti minn dawk imressqa mill-appellant. Tilqa' ukoll in parti it-talba kwantu it-tmienja u ghoxrin xahar prigunerija u dan kif ser jinghad, jigifieri tirriforma s-sentenza appellata fejn din trattat mal-imputat ghal-ksur tal-ordni ta' probation maghmul fis-sentenza tas-27 ta' Frar, 2013 u dan billi thassarha f'dik il-parti li fiha kkundannatu ghal-12-il xahar prigunerija; thassarha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-28 xahar prigunerija ghal-ksur tal-ordni ta' probation maghmul fis-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014 u minflok tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' 24 xahar ghal-ksur tal-istess.